IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum 13 ta' Jannar, 2025

Rikors numru: BCT/69/2025

Membri:

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sarsero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng (Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

Josef Pisani

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra l-appell li sar permezz ta' email datata 15 ta' Settembru, 2025 fejn l-appellanti ikkontesta id-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 4 ta' Settembru, 2025 fejn permezz taghha l-Awtorita` intimata imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' hames mitt euro (€500) u dana in vista ta' nuqqas ta' tindif immedjat, knis, hasil jew tnehhija ta' trab mit-triq bi ksur tal-Legislazzjoni Sussidarja 623.08 fi1-4 ta' Settembru, 2025 (indikata bhala data tal-ksur ta' dawn ir-Regolamenti).

Illi permezz tal-appell tieghu l-appellanti jikkontendi li "*in particular to Triq il-Kawtiela, the road is still not done/ready by the competent authorities. This, together with the fact that it is*

not in a main/trafficked road, people are all the time bringing their rubbish (consisting also of construction material) to this area where our project is. This is all the time resulting in us cleaning our material and others all the time getting theirs with us having to clean again. And this is what happened this time around."

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorita` appellata qeghda umilment tissottometti li kwakunkwe decizjoni mehuda kienet in konformita` ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*
2. *Illi qeghdin ikunu annessi u mmarkati bhala Dok A u Dok B Trail of Events u sett ta' ritratti rispettivament.*
3. *Illi hekk kif jidher mill-anness dokument, l-Awtorita` kienet korretta meta imponiet il-penali, filwaqt li l-allegazzjonijiet tal-appellanti ma humiex sopportati minn evidenza li turi dak allegat.*
4. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qieghda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*
5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat l-affidavit ta' Shanika Haidon.

Sema' x-xhieda tal-appellanti waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru, 2025 u tad-9 ta' Dicembru, 2025.

Ra t-trail of events u r-ritratti ezebiti mill-Awtorita`.

Ra li fid-9 ta' Dicembru, 2025 l-appell gie differit ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra

Illi permezz tal-appell tieghu, l-appellanti jikkontendi fl-ewwel lok li s-sit li fih l-Awtorita` sabet nuqqas ta' tindif m'huwiex triq miftuha mill-awtoritajiet kompetenti. Jghid ukoll li,

filwaqt li hu dejjem naddaf is-sit, terzi persuni jibqghu jitfghu l-iskart bil-konsegwenza li hu jkollu jnaddaf il-hmieg taghhom ukoll.

It-Tribunal jaghmel referenza ghad-disposizzjonijiet relevanti tal-LS 623.08 senjatament l-art. 6 tal-Ewwel Skeda li jipprovdi testwalment:

> *Is-segwenti faċilitajiet u miżuri adegwati għandhom jittieħdu sabiex jiżguraw li* ***s-sit u l-prossimità immedjata tiegħu*** *jinżammu ndaf:*
> *(a) kwalunkwe skart jew debris għandu jinżamm fuq is-sit* ***u jintrema ġo reċipjenti magħluqa ta' l-iskart*** *sabiex jiġi evitat li dawn jinfirxu barra mis-sit għal ġo* ***kwalunkwe żona pubblika*** *bir-riħ, xita jew xi movimenti oħra relatati mal-proċess tax-xogħlijiet;*
> *(b) ix-xogħlijiet m'għandhom joħolqu l-ebda rimi ta' prodotti tat-tindif, żebgħa, żjut, materjal ieħor li jniġġeż, jew skart perikoluż* ***fis-siti pubbliċi*** *jew fis-sistemi ta' drenaġġ jew fil-baħar;*
> ***(ċ) tindif immedjat ta' materjal relatat max-xogħlijiet li seta' waqa jew tniġġiż;***
> *(d) knis, ħasil jew tneħħija bil-vacuum ta' trab mit-triq;*
> *(e) pits fejn isir il-ħasil, miksers tal-konkos jew tjun u postijiet li jżommu l-kimika għandhom jiġu lokalizzati 'l bogħod minn sistemi ta' drenaġġ u kanali tal-ilma jew proprjetàta' terzi; u*
> *(f) qabel kwalunkwe moviment ta' vetturi mis-sit ta' kostruzzjoni għal fuq kwalunkwe żona pubblika, dawn għandu jkollhom ir-roti maħsulin minn kull ħmieġ, trab jew xi materjalieħor li jista' jinġarr fuq żona pubblika u jaqa' fuqha.*

It-Tribunal issottolinea partijiet mid-disposizzjoni relevanti li jindikaw bl-aktar mod car li mhux biss l-ispirtu imma wkoll it-test tal-ligi huwa intiz biex jizgura indafa kemm fis-sit u kif ukoll fil-prossimita` immedjata tieghu. L-affidavit ta' Shanika Haidon u wkoll it-Trail of Events u r-ritratti ezebiti mill-Awtorita` jikkonfermaw lilhinn minn kull dubbju li s-sit spezzjonat mill-ufficjal kien fi prossimita` imeddjata tas-sit tal-kostruzzjoni u allura id-deskrizzjoni tieghu bhala triq hija fil-verita` superfluwa u irrelevanti ai fini tan-nuqqas ravvizat. Il-ftuh o meno taz-zona spezjonata bhala triq ghal pubbliku hija wkoll ghal kollox irrelevanti ghat-Tribunal gjaladarba din hija zona attigwa u pubblika mas-sit ta' kostruzzjoni li, irrispettivament mid-deskrizzjoni taghha bhala triq miftuha jew xort'ohra, hija zona li l-applikant kellu jizgura li tinzamm nadifa. Jigi nutat illi l-ligi sahansita tehtieg li skart tal-

kostruzzjoni jintrema'f'recipjenti appoziti maghluqa sabiex jigi evitat it-tifrix tieghu f'zoni, *multo magis*, zoni pubblici prossimi ghall-kostruzzjoni. Il-ligi tehtieg ukoll li s-sit stess u wkoll il-prossimita` immedjata tieghu jigi mnaddaf minnufih. Dwar il-htiega ta' tempestivita` fit-tindif, dan it-Tribunal kellu diga` l-opportunita` li jikkummenta fil-kaz BCT 29/2025, fost ohrajn, fejn gie deciz is-segwenti:

> *Il-kelma "immedjat" palezement tezigi li l-hmieg jitnaddaf hekk kif jigi krejat u kwindi minnufih, immedjatament. Il-kelma u l-ispirtu tal-ligi ma jistghux jigu interpretata xort'ohra anke ghaliex kull waqt li hmieg, (...) jithalla fuq is-sit jew fil-vicinanzi tieghu, dan jista' jkun kawza ta' perikolu ghas-sahha tan-nies oltre milli naturalment jaffetwa l-amenita` generali taz-zona. Huwa minnu li, almenu skont l-appellanti, il-kuntrattur taghha kien qed inaddaf (...)wara kull gurnata tax-xoghol. Madanakollu, anke kieku dan jirrizulta pruvat, dan mhuwiex dak li trid il-ligi. Il-ligi ma tghidx li s-sit irid jitnaddaf biss wara li l-kuntrattur ikun spicca mix-xoghol imma tezigi proprju li tindif ikun wiehed immedjat.*

L-affidavit ta' Haidon u t-Trail of Events tal-Awtorita` huma prova cara ta'nuqqas lampanti da parti tal-applikant li jimxi skont kif trid il-ligi. Ir-ritratti, oltre l-presenza tal-istess ufficjal-appuntu – sabiex tigbed ir-ritratti tindika li s-sit illi fih gie ravvizat l-iskart kien fil-fatt miftuh u kwindi accessibbli ghall-pubbliku. L-ufficjal tirraporti **xejn inqas minn disa' spezzjonijiet li fihom sabet is-sit mahmug u dana bejn il-bidu tas-sena 2025 sa Settembru tal-istess sena**. Jidher li, fil-fatt, is-sitwazzjoni baqghet l-istess anke wara l-hrug tal-penali. Mhux biss ma jirrizultax li kien hemm skips jew recipjenti mghottija ghaz-zamma tal-iskart imma certament il-provi imressqin mill-Awtorita`, bir-ritratti ezebiti, igiddbu l-allegazzjoni tal-appellant li hu kien "*all the time*" inaddaf u sahansitra jnaddaf il-hmieg li kien ihalli haddiehor ukoll. Fil-fatt, fuq medda ta' disa' xhur shah kull darba li spezzjonat, l-ufficjal tal-Awtorita` qatt ma sabet is-sit prossimu ghall-kostruzzjoni nadif.

It-Tribunal ihoss li m'hemmx wisq xi jzid ma' dak li jirrizulta b'mod mill-iktar oggettiv mill-provi prodotti mill-Awtorita`. Tenut kont tal-kontinwata inadempjenza mal-ligi da parti tal-applikant minkejja d-diversi twissijiet mahrugin lilu, it-Tribunal lanqas ma jhoss li hemm lok ghal xi temperament fil-penali imposta.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq qiegħed jichad l-appel u jikkonferma s-sentenza appellata datata 4 ta' Settembru, 2025.

Dr Philip M. Magri	**Perit Robert Sarsero**	**Ing. Anthony Camilleri**
Chairperson	Membru	Membru